**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 13 ta` Marzu 2018**

**Rikors Nru. 1022/2017 JZM**

**Fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru nru : 1045/17 mahrug nhar is-17 ta` Lulju 2017**

**fl-ismijiet :-**

**Stephen Caruana (KI numru 261262M)**

***vs***

**1. Kurt Galea Pace (KI numru 243667M)**

**2. Paul Farrugia (KI numru 179961M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Fid-9 ta` Novembru 2017, Paul Farrugia ("**Farrugia**") ipprezenta rikors fejn, ghar-ragunijiet indikati, talab lill-Qorti sabiex tordna r-revoka tal-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet premessi ("**il-Mandat**") abbazi ta` **l-Art 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12.**

Apparti r-revoka tal-Mandat, talab ukoll il-kundanna ta` Stephen Caruana ("**Caruana**") ghall-hlas ta` penali skont l-Art 836(8) tal-Kap 12.

Kif ukoll id-danni skont l-Art 836(9) tal-Kap 12.

Farrugia talab ukoll fin-nuqqas tar-revoka tal-Mandat sabiex l-ezekutant ikun ordnat fi zmien qasir u perentorju li jipprovdi garanzija xierqa ghall-hlas ta` penali, danni u imghax kif ighid l-Art 838A tal-Kap 12.

Caruana pprezenta risposta fit-23 ta` Jannar 2018 fejn ghar-ragunijiet illi fisser talab lill-Qorti sabiex tichad it-talbiet tal-ezekutat bl-ispejjez kontra tieghu.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tat-30 ta` Jannar 2018.

B`ordni taghha, kienu allegati l-atti tal-Mandat.

Rat dawn l-atti.

Ir-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

## II. L-Art 836 tal-Kap 12

Il-Qorti *in primis* tirrileva illi fi procediment ta` din ix-xorta, il-Qorti m`ghandhiex tidhol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet ghaliex l-istharrig li obbligata taghmel **ghandu jkun sommarju u b`analizi *prima facie***.

Fil-provvediment li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta` Mejju 2001 fil-kaz "**Camilleri vs Gove et**" inghad illi :-

> *"mid-dispozizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta` prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si*

*tratta dejjem ta` procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Imfissra ahjar din il-linja, tajjeb illi jigi rilevat illi dak li l-qorti trid tasal ghalih fi proceduri bhal dawn m`ghandu bl-ebda mod jitqies daqslikieku kien xi pronunzjament jew gudizzju dwar il-mertu ghaliex l-istharrig mehtieg fi proceduri ta` din ix-xorta huwa relatat ma` ezami x`aktarx formali ta` l-att li tieghu tkun qeghda tintalab ir-revoka in toto jew in parte. L-istharrig li trid taghmel l-awtorita` gudizzjarja huwa fl-ewwel lok li tistabilixxi jekk ir-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug tal-mandat ikunux qeghdin jidhru mill-att innifsu, u fit-tieni lok jekk l-att ikunx intalab u nkiseb b`mod abbusiv. (ara : Qorti tal-Kummerc : 23 ta` Gunju 1994: "**Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia noe et**"). Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux ikun imxejjen jew imgarrab b`leggerezza. Barra minn dan ghandu jibqa` salvagwardat il-jedd ta` persuna li tikkawtela u thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv ikun determinat mill-Qorti (ara : PA : 29 ta` Novembru 2001 : "**Vincent Mercieca vs George Galea**")

## III. Konsiderazzjonijiet

### 1. Dwar l-Art 836(1)(d) tal-Kap 12

L-Art 836(1)(d) tal-Kap 12 jistipola li l-Mandat jista` jigi revokat fil-kaz li jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* gustifikat jew ikun eccessiv.

#### a) Gurisprudenza

Taghmel riferenza ghall-provvediment ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-5 ta` Settembru 2008 fil-kaz ta` "**Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games (Malta) Limited** fejn inghad illi abbazi tal-Art 836(1)(d) dak li ghandu jigi determinat huwa jekk mad-daqqa ta` ghajn l-ezekutant ghandux bazi ta` pretensjoni ("*fumus juris*"). Del resto persuna ghandha dritt li tikkawtela l-interessi taghha, sakemm il-pretensjoni dwar id-dritt sostantiv tigi eppurata u deciza fil-kawza proprja bejn il-partijiet.

Fil-provvediment li nghata fl-4 ta` Frar 2016 fir-Rikors Numru 1139/2015 fl-atti tal-mandat ta` sekwestru numru 1454/15 fl-ismijiet : **Steven Pace et vs Paul Camilleri et** inghad hekk dwar id-disposizzjoni :-

*"Illi l-istess artiklu indikat fil-paragrafu precedenti jiddisponi li tali mandat kawtelatorju bhal dak in dizamina fil-procedura odjerna jista` jigi revokat kemm il-darba l-ammont mitlub mis-sekwestranti li jkun hekk sekwestrat ma jkunx prima facie gustifikat jew eccessiv;*

*6.2. Illi f`dan ir-rigward l-istess Prim` Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Galea vs. Stewart** datata d-29 ta` Lulju, 2005, issosstni s-segwenti:*

*"Il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta` Mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess Mandat mal-kreditu imsemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t`ghajn li r-rikorrenti ezekutant ghandu bazi ta` pretensjoni, (dak li f`oqsma ohra ta` dritt jissejjah il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f`somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m`ghandu qatt jinsa f`dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sa kemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Biex ammont imsemmi f`att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t`ghajn bhala wiehed maghmul b`mod azzardat";*

Fil-provvediment li tat din il-Qorti kif presjeduta fit-13 ta` Awissu 2013 fir-Rikors Numru 982/2012 fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Nru. 1378/2012 fl-ismijiet : **Carmel Debono vs Paul Demanuele et**, inghad hekk :-

*"Fil-provvediment taghha tad-29 ta` Lulju 2005 fil-proccediment Rikors Nru. 336/2005 din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk –*

*Wiehed m`ghandu qatt jinsa li f`dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom*

*sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Minn dak li hareg waqt is-smigh tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata ezekutanti ghandha, tajjeb jew hazin, pretensjoni ta` hlas. Min-naha l-ohra, li kieku l-Qorti, f`dan il-waqt, taghti decizjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qeghda tiddeciedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidhol fihom fi procedura bhal din. Jerga` jinghad hawnhekk li dan l-accertament ma ghandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta` dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid thares bil-hrug tal-Mandat inghata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru. (ara wkoll : PA. RCP. 10 ta` Mejju 2001. "**Camilleri et vs Gove` et"** u PA. RCP. 7 ta` Frar 2001**. "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd"**)."*

## b) Risultanzi

Farrugia jikkontendi li Caruana naqas milli juri ta` l-inqas sal-livell ta` *prima facie* li huwa kien involut fil-kwistjoni li Caruana ghandu ma` Kurt Galea Pace.

Ghall-fini ta` dan il-procediment, il-kontendenti qaghdu fuq id-dokumenti.

Il-Qorti ezaminat id-dokumenti kollha li jirrelataw mal-Mandat.

Jirrizulta li l-Mandat sar :

"*in kawtela tas-somma globali dovuta mis-sekwestrati lis-sekwestrant ta` mija sebgha u erbghin elf u hames mija u tmenin euro (EUR 147,580) kwantu ghall-parti, rimbors ta` flejjes imhallsin mis-sekwestrant lis-sekwestranti skont il-kuntratti ta` appalt datati 2 ta` Lulju 2016 u l-aggunta tal-11 ta` Jannar 2017 … u kwantu ghall-bqija, bhala danni sofferti mis-sekwestrant kawza ta` diversi nuqqasijiet fix-xoghol maghmul mis-sekwestrati."*

Dan ifisser li l-Mandat sar in relazzjoni ma` kuntratti ta` appalt li saru fit-2 ta` Lulju 2016 u fil-11 ta` Jannar 2017.

Minn ezami ta` dawn il-kuntratti, Farrugia ma jirrizulta mkien f`li sar bejn Caruana u Galea Pace. Kull dokument li kien iffirmat u r-ricevuti tal-hlas li hargu kienu kollha jirrigwardaw lil Caruana u lil Galea Pace. Il-hlas ta` ammonti relatati ma` l-appalt saru lil Galea Pace mhux lil Farrugia.

Din il-Qorti ma ssibx illi *prima facie* kien ippruvat ness kontrattwali bejn Caruana u Farrugia.

L-argument illi kien biss minhabba l-involviment ta` Farrugia li Caruana accetta li jhalli lil Galea Pace jkompli bl-appalt, u kif ukoll accetta li jhallas aktar flus lil Galea Pace mhux bizzejjed biex jistabilixxi ness bejn Farrugia u Caruana.

Lanqas ma jregi l-argument ta` Caruana illi Farrugia kien qed jinkariga nies biex ikomplu x-xogholijiet skont il-kuntratt ta` appalt, u li ghalhekk huwa kien responsabbli ghad-danni sofferti minhabba nuqqasijiet fix-xoghol. Dan ghaliex *prima facie* irrizulta li kemm il-ftehim u kif ukoll ir-responsabbilita` ghax-xogholijiet li saru kienet ta` Galea Pace.

Tqis ukoll illi Farrugia kkontesta l-ammont likwidat fil-Mandat. Ghamel l-argument illi Caruana kellu jsostni ta` l-inqas *prima facie* kif wasal ghas-somma pretiza ta` EUR 147,580 ghaliex sostna li ma kienx gust u ekwu li persuna tithalla tintavola Mandat ghal somma daqstant elevata minghajr ma tkun sostanzjata, anke remotament, il-bazi tal-pretensjoni.

Minn ezami tal-proceduri ta` l-arbitragg istitwiti minn Caruana kontra Galea Pace u Farrugia, l-ammont kawtelat huwa proprju l-ammont li qed jigi mitlub fl-arbitragg promoss wara l-hrug tal-Mandat.

Minkejja l-kontestazzjoni da parti ta` Farrugia dwar il-quantum tal-ammont sekwestrat, Caruana baqa` ma spjegax fil-procediment tal-lum kif wasal ghas-somma pretiza. Kull ma ghamel kien illi ndika li l-figura tinqasam billi : (i) is-somma ta` EUR 87,500 tirrapprezenta ir-rimbors ta` li hallas Caruana lil Galea Pace ; (ii) id-danni li garrab minhabba l-ispejjez li ser ikollu jinkorri biex jirrimedja ghax-xoghol li ma sarx tajjeb ; (iii) il-penali likwidata skont il-kuntratt tal-24 ta` Marzu 2017 sa max-xoghol jitlesta ; u (iv) danni ohra fosthom it-telf fil-valur lokatizju ; u (v) danni ohra.

Dan premess, hlief ghas-somma ta` EUR 87,500, Caruana baqa` ma ressaqx prova gustifikattiva tal-bilanc jew almenu prospett korraborattiv.

Ghal din il-Qorti, ir-rendikont li ghamel Caruana mhux bizzejjed meta wiehed jikkonsidra l-entita` tal-ammont mertu tal-Mandat.

**2. <u>L-Art 836(1)(f) tal-Kap 12</u>**

L-Art 836(1)(f) tal-Kap 12 jistipola li mandat jigi revokat jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

**a) <u>Gurisprudenza</u>**

Il-provvediment ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-25 ta` Awissu 2010 fil-kaz "**<u>Spiteri v Darmanin</u>**" ma jhalli ebda dubju dwar l-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata din id-disposizzjoni. Jinghad :-

> *"Illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh ( Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **<u>"Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et"</u>** .*
>
> *Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z- zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz;"*

Fil-provvediment ta` l-4 ta` Frar 2016 fir-Rikors Numru 1139/2015 fl-atti tal-mandat ta` sekwestru numru 1454/15 fl-ismijiet : **<u>Steven Pace et vs Paul Camilleri et</u>** inghad :-

> *"Illi biex tali talba tirrizulta attwabbli tinhtieg li rrikorrenti jipprovaw li kien hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi in dizamina mid-data li fiha inhareg il-mandat de quo."*

Fil-kaz (op. cit.) ta` bejn **Carmel Debono u Paul Demanuele et** din il-Qorti kif presjeduta rrimarkat illi :-

> *"Fil-provvediment taghha tal-10 ta` Awissu 2012 fir-Rikors Nru 688/2012 (op. cit.) din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk –*
>
> *Is-success jew telfien ta` kwestjoni fil-mertu ma tista` qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b`mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta` din il-Qorti, il-kwestjoni ta` jekk huwiex ragonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet ezekutanti. Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta` Jannar 1992.* ***"Spiteri vs Camilleri"*** *; PA. RCP. 30 ta` Mejju 2002.* ***"Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona"*** *; u PA. GC. 3 ta` Awissu 2001. "****Fenech noe vs Spiteri noe et"****)."*

Fl-istess sens kien il-provvediment ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-17 ta` Marzu 2014 fl-atti tal-mandat numru 1709/2013 fl-ismijiet **James Alexander Cook et vs Erdin Hartoka et**.

Imbaghad fil-provvediment tat-22 ta` Ottubru 2015 fil-kaz : **George Cassar pro et noe vs Emanuel Falzon et** nghad :-

> *"Effettivament ghandu jirrizulta lill-Qorti li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex twassalha biex tiddeciedi li mandat li kien ragjonevoli ab inizio, jew gustifikabbli, issa m`ghadux. Sabiex issir din l-analizi wiehed irid iqis jekk mid-data tal-hrug tal-mandat ghadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-Mandat."*

Ta` l-istess portata kienet dak li qalet din il-Qorti hekk kif ippreseduta fil-provvediment taghha tat-2 ta` Dicembru, 2014 (Rikors Numru. 125/2014) fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Nru 213/2014 fl-ismijiet :- **Blue Rapid Incorporation v Elf Aquitaine** :

> *" Fil-provvediment fuq citat tal-10 ta` Awissu 2012 fl-atti tar-rikors mahluf nru 164/12 JRM fl-ismijiet : "**Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)**" : ghat-thassir tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju nru 609/2012 ipprezentat nhar l-4 ta` Mejju 2012 fl-ismijiet : **"Office Group Limited (C39197) vs Jamar Malta Limited (C45236)**" il-Qorti qalet hekk dwar l-Art 836(1)(f) tal-Kap 12 :-*
>
> *"Illi jinghad ukoll li id-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz ; "*

**b)** **Risultanzi**

Effettivament ghandu jirrizulta lill-Qorti li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex tasal li tiddeciedi li Mandat li kien ragjonevoli *ab inizio*, jew gustifikabbli, issa m`ghadux.

Sabiex issir din l-analizi wiehed irid iqis jekk wara d-data tal-hrug tal-Mandat kienux ghadhom jissussistu l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-Mandat.

Fil-kaz tal-lum ma ngabet l-ebda raguni li tista` twassal lil din il-Qorti sabiex tqis illi Farrugia ghandu ragun abbazi ta` din id-disposizzjoni.

Ma kien hemm l-ebda bidla fic-cirkostanz.

Kull mandat jikkreja nkonvenjent jew diffikulta` xi drabi serja ghall-allegat debitur. Dan wahdu pero` mhux bizzejjed biex ixejjen id-dritt ta` kull kreditur li jikkawtela l-pretensjoni tieghu b`kull jedd li tipprovdi l-ligi.

3. **<u>L-Art 836(8)(b) u (d) tal-Kap 12</u>**

Farrugia talab lill-Qorti sabiex timponi penali.

L-Art 836(8) tal-Kap 12 jaghti diskrezzjoni lill-qorti li timponi penali kontra l-persuna li tkun ipprezentat l-att kawtelatorju a favur tal-persuna li kontriha jkun gie prezentat l-att fl-erba` kazi li huma ndikati minn paragrafu (a) sa (d) tal-istess subartiklu.

Din il-Qorti tghid illi l-fatt wahdu li ma tkunx inghatat raguni tajba ghat-thassir tal-Mandat jfissirx li, jekk kemm–il darba tikkonkorri xi wahda mill-erba` cirkostanzi ndikati fl-Art 836(8) il-Qorti m`ghandhiex tilqa` t-talba ghall-hlas tal-penali (ara l-provvediment : **<u>Carmel Debono vs Paul Demanuele et</u>** op. cit.)

Fil-kaz tal-lum, qed jintalab il-hlas tal-penali abbazi tal-paragrafi (b) u (d).

Il-paragrafu (b) ighid :-

> *(jekk, fit-talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b`xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà bizzejjed :*
>
> *Izda d-disposizzjonijiet ta` dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta` urgenza ghall-hrug tal-mandat.*

Il-paragrafu (d) ighid :-

> *jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b`malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

Dwar il-paragrafu (b) il-ligi trid li qabel ma jinhareg Mandat (u sakemm ma jkunx hemm ragunijiet cari ta`urgenza) l-ezekutant jitlob lid-debitur tieghu fi zmien hmistax-il jum, biex ihallsu d-dejn li ghandu mieghu. Daqstant iehor trid li, wara li jkun inhareg il-Mandat, l-ezekutat jitlob lill-ezekutant biex inehhi

l-Mandat u dan tal-ahhar jonqos li jaghti raguni tajba biex ma izomm dak il-Mandat fis-sehh. (ara l-provvediment ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-23 ta` Dicembru, 2011 : Rikors Nru. 1066/2011 : **Fahrenheit Freight Forwarders Co Limited vs Market Handle Limited et**).

Illi t-talba ma tridx tkun tabilfors wahda solenni fis-sura ta` att gudizzjarju jew kawza formali (App. Civ. 13.3.2001 fil-kawza fl-ismijiet **Rapa vs Sammut** (Kollez. Vol: LXXXV.ii.142). Bizzejjed jekk tkun wahda verbali.

Fil-kaz tal-lum, il-Mandat kien prezentat fis-17 ta` Lulju 2017. Precedentement, precizament fl-14 ta` Lulju 2017, Caruana interpella b`ittra ufficjali lil Galea Pace u lil Farrugia sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta` danni sofferti kif ukoll sabiex kemm-il darba x-xoghol jibqa` ma jigix kompletat, l-ittra kellha sservi bhala notifika formali ghar-rizoluzzjoni tal- kuntratt ta` appalt.

Dwar il-paragrafu (d), il-Qorti tishaq illi l-Mandat tressaq abbazi ta` l-kuntratt ta` appalt tat-2 ta` Lulju 2016 bl-aggunta li saret fil-11 ta` Jannar 2017 kif ukoll abbazi ta` talba ghal danni naxxenti minn xoghol hazin.

Din il-Qorti hija tal-fehma li ma tressqux provi jew argumenti tajbin bizzejjed li juru li l-Mandat hareg b`hazen, b`malizzja jew b`mod vessatorju.

Il-Qorti timxi fuq il-massima li l-*bona fede* hija prezunta u li l-hazen irid jigi ippruvat (ara : App. Civ 7.7.1920 fil-kawza fl-ismijiet **Miller Blacker pro et noe vs Howard** (Kollez. Vol: XXIV.i.554).

Huwa minnu li Farrugia ma kienx firmatarju tal-kuntratt ta` appalt bejn Caruana u Galea Pace. Madanakollu jirrizulta li dahal fix-xena biex jipprova jimmedja bejn iz-zewg partijiet. Kien ghalhekk li Caruana dehrlu li kellu jiehu azzjoni kontra Farrugia. Ghandux ragun Caruana nkella le jrid jirrizulta fil-procediment ta` l-arbitragg. Pero` ma tarax li *prima facie* l-mandat kontra Farrugia kien talment frivolu, vessatorju jew malizzjuz li kellu jwassal ghas-sanzjoni tal-penali.

**Tenut kont tal-assjem ta` fatti u cirkostanzi, din il-Qorti ma tqisx li ghandha timponi l-penali skont id-disposizzjonijiet citati minn Farrugia.**

4. **<u>L-Art 838A tal-Kap 12</u>**

Ir-rimedju tal-ghoti tal-garanzija huwa alternattiv ghat-talba ghat-thassir tal-Mandat. Anzi jista` jinghata biss jekk kemm-il darba t-talba ghat-thassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jigifieri sakemm il-mandat ikun b`xi mod ghadu fis-sehh. (ara - "**<u>Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.</u>**" – P.A. – 30 ta` Mejju 2002). Ladarba l-Mandat se jkun revokat, ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tal-Art 838A.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent Paul Farrugia, wara li qieset ir-risposta tal-intimat Stephen Caruana, billi :-**

**Riferibbilment ghall-ewwel talba, tirrevoka l-mandat ta` sekwestru numru 1045/2017 limitatament fil-konfront ta` Paul Farrugia, abbazi tal-Art 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, filwaqt li tirrespingi t-talba tar-rikorrent kif dedotta abbazi tal-Art 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Tichad it-tieni talba.**

**In vista tal-provvediment taghha dwar l-ewwel talba, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba.**

**Spejjez bla taxxa.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**